MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru. 296/2011

**Il-Pulizija**
**(Sp Victor Aquilina)**

**vs.**

**Elaine Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Elaine Muscat ta' 29 sena bint Louis Muscat u Valerie-Helen nee' Borg mwielda Pieta fid-19 ta' April 1981 u residenti 12, Flat 6, Triq San Publiju, San Pawl il-Bahar jew 43 Flat 3A St Paul's Buildings West Street Valletta, ID 204981 (M)

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Settembru 2010 u fis-sitt xhur ta' qabel

(a) kellha fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Ukoll talli saret ricediva b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkonceditielha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat,  il-fatt li hija kkoperat mal-pulizija u l-fedina penali aggornata li hija wahda raffrettarja li fiha 25 kundanna minn dawn il-Qrati li l-maggoranza huma relatati ma serq u tlajjar ghall-prostituzzjoni u zewg kundanni ghal pussess semplici ta’ droga. Jidher li l-imputata ma tridx tirriforma ruhha.

Illi fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2013 l-ufficjal prosekutur ddikjara li l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tnaqqas il-piena bi grad. Pero dan it-tnaqqis huwa newtralizzat bil-fatt li l-imputata hija wkoll ricediva u l-Qorti tqis li fic-cirkostanzi l-piena ghandha tizdied bi grad.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 kif wkoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ tlett (3) xhur habs effettivi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------